# REGOLAMENT TAL-KUNSILL 2008/822/PESK

## tas-27 ta' Ottubru 2008

## dwar l-ilqugħ temporanju minn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea ta' ċerti Palestinjani

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Ottubru 2007, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2007/705/PESK dwar l-akkoljenza temporanja mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea [1] ta' ċerti Palestinjani, li tipprovdi għal estensjoni tal-validità tal-permessi nazzjonali tagħhom għad-dħul u s-soġġorn fit-territorju ta' l-Istati Membri msemmija fil-Pożizzjoni Komuni 2002/400/PESK [2] għal perijodu ulterjuri ta' 12-il xahar.

(2) Abbażi ta' evalwazzjoni ta' l-applikazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni 2002/400/PESK, il-Kunsill iqis li jkun xieraq li l-validità ta' dawk il-permessi għandha tiġi estiża għal perijodu ulterjuri ta' 12-il xahar,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

*Artikolu 1*

L-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 2 tal-Pożizzjoni Komuni 2002/400/PESK għandhom jestendu l-validità tal-permessi nazzjonali għad-dħul u s-soġġorn mogħtija skond l-Artikolu 3 ta' dik il-Pożizzjoni Komuni għal perijodu ulterjuri ta' 12-il xahar.

*Artikolu 2*

Il-Kunsill għandu jevalwa l-applikazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni 2002/400/PESK fi żmien 6 xhur mill-adozzjoni ta' din il-Pożizzjoni Komuni.

*Artikolu 3*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandu jkollha effett mill-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fil-Lussemburgu, 27 ta' Ottubru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BARNIER

[1] ĠU L 285, 31.10.2007, p. 54.
[2] ĠU L 138, 28.5.2002, p. 33.